MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 873/2005

**BANK OF VALLETTA p.l.c**

**vs**

**Isslam Tawfik ISSA**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni mressaq fid-19 ta’ Settembru, 2005 li bih is-soċjeta’ attriċi talbet;

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 29 ta’ Awwissu 2002 (Dok “A”), in atti Nutar Anthony Abela, is-soċjeta’ attriċi ikkonċediet faċilita’ bankarja lil konvenut Issa Isslam Tawfik;

Illi s-soċjeta’ attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenut Issa Isslam Tawfik fis-somma ta’ ħamsin elf, ħames mija u tmienja u sebgħin Liri Maltin, u sittin ċenteżmu (Lm50,578.60) bilanċ għad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’

Issa Isslam Tawfik mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. “B1”, “C1”, “D1”, “E1” sa E2”) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mit-22 t’Awissu 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt datat 29 t’Awwissu 2002 fuq imsemmi (u hawn esebit bħala Dokument “A”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Issa Isslam Tawfik (a) naqas milli jħallas l-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u (b) kien inadempjenti f’obbligi oħra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikata, u /jew (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess konvenut Issa Isslam Tawfik li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita’ tal-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta’ attriċi u b’hekk il-konvenut iddekada mill-benefiċju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tiegħu f’daqqa;

Illi l-konvenut ġie interpellat permezz ta’ ittra uffiċjali datata 25 t’Awissu, 2004 li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok. “F”, sabiex iħallas d-dejn fuq imsemmi, iżda dan baqgħa inadempjenti;

Għaldaqstant is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bħala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Issa Isslam Tawfik (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f’obbligi oħra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess konvenut Issa Isslam Tawfik li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita’ tal-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta’ attriċi.

2. Tikkundanna lil Issa Isslam Tawfik iħallas lis-soċjeta’ attriċi s-somma ħamsin elf, ħames mija u tmienja u sebgħin Liri Maltin u sittin ċenteżmu (Lm50,578.60)

bilanċ għad-debitu fil-“Loan Accounts’ ta’ Issa Isslam Tawfik mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. “B1”, “C1”, “D1”, “E1 sa E2”) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mit-22 t’ Awissu 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta’ l-ittra uffiċjali datata 25 t’Awwissu 2004 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li qed jiġu ppreżentati kontestwalment kontra l-konvenut li huwa nġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-soċjeta’ attriċi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jippreżenta nota ta’ eċċezzjonijiet u naqas li jidher meta l-kawża ssejħet għadd ta’ drabi u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet id-dikjarazzjoni tar-rappreżentant tas-soċjeta’ attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fiċ-ċitazzjoni jirriżultaw pruvati.

Fil-kontumaċja tal-konvenut tiddeċiedi billi **tilqa’ t-talbiet tas-soċjeta’ attriċi** kif dedotti fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali b’effett mit-22 ta’ Awwissu, 2005, sal-jum tal-ħlas effettiv kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------